# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 564

Il-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fl-10:30am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 564.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Alvin Grech u Abigail Micallef talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol u edukazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 564.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 564.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

564.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi x-xogħolijiet fuq Triq Għajn Tuta waqfu u qed nistennew lill-kuntrattur sabiex jerġa' jkompli.

564.3.2 Is-Sindku qal illi s-siġar tal-Għadira twaħħlu kollha u qegħdin jissaqqu. B'hekk nistgħu ngħidu li l-proġett lest imma baqa' xi dokumenti tal-amministrazzjoni peress li jdumu għaddejjin. Ġbarna ukoll kwotazzjonijiet fuq is-sistema tal-irrigazzjoni. L-irħas waħda ġiet Eur3,085. U ġbarna ukoll kwotazzjonijiet fuq sistema ta' pannella u pompa sabiex tkun tista' titħaddem l-irrigazzjoni. L-irħas waħda ġiet Eur1958.80. Il-Kunsill Lokali iddeċieda li jaħdem bl-irħas kwotazzjonijiet u jsir ix-xogħol.

564.3.3 Is-Sindku semma illi fit-18 ta' Ottubru għandna laqgħa mal-Ministru għal Għawdex dwar ix-xogħolijiet ta' Pjazza San Girgor u anke l-Playing Field.

564.3.4 Fit-12 ta' Settembru saret il-clean up madwar ir-raħal bħala parti mill-World Clean Up campaign.

564.3.5 Is-Sindku feraħ lill-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Abigail Micallef, għad-diskors li għamlet fil-Parlament fit-30 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex.

564.3.6 Ġejna mistiedna għal Gozo Environmental Awards peress li ġejna nominati bħala Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li jilqa' din in-nominazzjoni u jkun preżenti b'żewġ Kunsilliera.

564.3.7 Issemmiet il-barumbara li tinsab fi Triq Wied il-Lunzjata u li kienet waqgħet parti minnha fil-wied. Il-Kunsill flimkien mal-Ministeru għal Għawdex naddfu l-wied iżda baqa' ħafna kantuni. Għalhekk sibna s-sidien tal-barumbara u ħa nibgħatulhom ittra bl-Avukat sabiex jinżammu responsabbli għal xi danni li jistgħu jinqalgħu. Kulħadd qabel ma' dan.

564.3.8 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tal-permess tal-Playing Field minn naħa tal-PA.

Għalhekk issa nistgħu nibdew bil-proċedura tal-offerti. Kulħadd qabel ma' dan.

564.3.9 Tlabna estensjoni sa l-aħħar ta' Novembru 2023 fuq Miżura 3 sabiex jilħqu jgħaddu l-pagamenti kollha.

564.3.10 Dwar ir-restawr tal-għajn t'Għajn Tuta, tajnih data sa meta jrid ilesti inkella l-Kunsill se jqabbad kuntrattur ieħor sabiex jagħmel ix-xogħolijiet li baqa' u jitnaqqas mil-kuntratt ta' Sultech Ltd.

## 564.4 Proġett tal-Għadira – Miżura 4

Kif intqal hawn fuq, intalbet estensjoni tal-proġett sa l-aħħar ta' Novembru 2023. Dwar il-ġibjun, jekk ma jimteliex bix-xita inkunu rridu nimlewh b'bowser ilma.

## 564.5 Milied 2023

Il-Kunsill iddeċieda illi japplika għal Christmas in Gozo biex narmaw siġra tal-Milied fi Triq San Girgor u jsir it-tiżjin fi Triq l-Avukat Anton Calleja.

## 564.6 Talba għal estensjoni għal proġett ta' Qasam San Ġorġ.

Is-SE qalet li tajjeb li nitolbu estensjoni ta' dan il-proġett peress li għadna qed nistennew il-permess tal-PA. Kulħadd qabel ma' dan.

## 564.7 Proġetti Eko Għawdex

Is-SE semmiet it-tliet proġetti ta' Eko Għawdex li għadhom għaddejjin u jridu jitlestew sal-aħħar tas-sena. Dwar l-outdoor gym equipment, issa ħareġ il-permess tal-PA u għalhekk nistgħu niġbru l-kwotazzjonijiet. Dwar ir-restawr tal-għajn t'Għajn Tuta, kif diġa' ssemma aktar 'l fuq tajnih data sa meta jrid ilesti inkella l-Kunsill se jqabbad kuntrattur ieħor sabiex jagħmel ix-xogħolijiet li baqa' u jitnaqqas mil-kuntratt ta' Sultech Ltd. Dwar ir-restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Patri qed nistennew laqgħa mal-SCH.

## 564.8 Ilmenti u Suġġerimenti

564.8.1 Il-Kunsillier Horace Vella ressaq talba sabiex jerġgħu jinbnew xi kantuni li waqgħu fi Triq Qasam San Pawl. Ser jitranġaw.

564.8.2 Saret talba biex jidjieq bieb ta' ħajt ta' għalqa fuq Għar Ilma. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

564.8.3 Saret talba għal No parking for Heavy Vehicles fi Triq Għajn Tuta. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

564.8.4 Saret talba sabiex issir tabella li hemm il-periklu fi Triq Għajn Tuta fejn qed iċċedi t-triq. Se ssir.

564.8.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li terġa' ssir il-ħarġa annwali għal Malta. Ġie deċiż li

nippruvaw immorru fid-19 ta’ Ottubru.

564.8.6 Qed jintalab illi jsir no parking għall-minibuses fi Triq it-Torri matul naħa waħda kollha tat-triq. Il-Kunsill iddiskuta illi dan huwa mpossibli għax il-wisa’ hu li hu u m’hemmx wisa’ minn fejn tneħħi parking ta’ naħa kollha.

## 564.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 564.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fil-11.45am u ġiet aġġornata għas-26 ta’ Ottubru, 2023 f’12pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |